# Il-Kappella ta' Sant'Andrija

*minn Dun Pawl BUHAGIAR*

**Thossok** tistagħġeb kif f'tarf iż-Żurrieq u f'tarf il-Mosta hemm żewġ kappelli ta' l-istess forma u għamla ddedikati lill-Appostlu Sant'Andrija u magħrufin almenu minn nies ta' qabilna, bil-laqam "Ta' Berniġa".

Min kien dan Berniġa li bena dawn iż-żewġ kappelli li huma tant imbegħdin minn xulxin? Akille Ferris fil-ktieb tiegħu "*Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo*" fuq dik li hemm il-Mosta ma jsemmi xejn u fuq dik taż-Żurrieq igħid li jafuha bħala "Ta' Berniġa". Imma dan mhux veru għax dawk l-inħawi huma magħrufa bħala "Ix-Xarolla" u dik tal-Mosta hija mibnija f'Ħal Dmiegħ.

Il-Mostin ma jafu xejn fuq 'Berniġa' u bir-raġun. Meta kont viċi-parroku ż-Żurrieq staqsejt elf wieħed, imma ħadd ma kien jaf. Fl-aħħar bdejt immur inqarben lil waħda xiħa li kienet toqgħod fil-mitħna li hemm maġenb din il-kappella. Kienet qaltli li kienet qraba tal-familja ta' Leone Grech tal-Mosta. Darba staqsejtha min kien dan 'Berniġa' li bena l-knisja ta' Sant'Andrija u hi qaltli li minn dejjem kienet tisma lix-xjuħ jgħidu li f'dawn l-inħawi tax-Xarolla kien joqgħod raġel għani li kien ferm dilettant taż-żwiemel. Il-ġurnata kollha ma kontx tarah ħlief jilgħab jew idur b'xi żiemel.

Darba waħda, bħas-soltu rama ż-żiemel biex imur idur dawra. F'daqqa waħda dan ix-xitan nafar u telqilgħa għal għonq it-triq imlebbet. Indri Bonnici jew kif isejħulu n-nies, 'Berniġa', ma seta' jżommu b'xejn. Imwerwer kif kien u kif kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien għamel wegħda mal-qaddis ta' ismu, San Andrija, li jekk isalva, jibni żewġ kappelli u jiddedikahom lil dan l-Appostlu, waħda minn fejn telaq u l-oħra fejn jieqaf biż-żiemel. Wara ġirja bħal dik, iż-żiemel għajja u waqaf qawwi u sħiħ f'Ħal Dmiegħ, f'tarf il-Mosta.

B'rikonoxxenza dan iż-Żurrieqi, Indri Bonnici, jew kif kien magħruf 'Berniġa', bena dawn iż-żewġ kappelli ta' l-istess forma u għamla u ddedikahom lill-qaddis ta' ismu. Dik taż-Żurrieq tinsab magħluqa u żdingata, kif sa ftit ilu kienet dik tal-Mosta. Illum allaħares ma kinitx din il-kappella għax madwarha mtela bil-bini u qiegħda sservi għall-quddies u tagħlim tad-duttrina.

Jekk dan li smajt u ktibt hu veru, il-Mosta tista' tiftaħar li għandna żewġ benefatturi miż-Żurrieq: wieħed Indri Bonnici 'Berniġa', li madwar 300 sena ilu bena il-kappella ta' Sant'Andrija, u l-ieħor Dun Feliċ Calleja, li madwar 150 sena wara bena l-famuż tempju li għandna fil-Mosta.

Il-poeta Mosti Vanni Sant *B.A. (Gen)* qara l-poeżija "Il-Wegħda ta' Berniġa" li huwa kiteb fl-24 ta' Marzu 2001. Huwa kitibha wara li ġie mnebbaħ mill-artiklu li għadu kif deher hawn fuq. Din il-poeżija dehret fl-annwal tas-Soċ. Fil. Nicolò Isouard 2001 fil-Paġna Letterarja u wieħed jista' jsib din il-poeżija sabiħa f'paġna 179.

## Tagħrif storiku

Il-magħruf storiku is-sur Tony Terribile qara dan it-tagħrif wara tiftix li huwa għamel.

"Fl-1575 f'Malta seħħet ġrajja interessanti, riżultat ta' kwistjoni li qamet bejn l-Isqof Royas u l-Gran Mastru La Cassiere. Il-ġrajja kienet marbuta mal-miġja f'Malta tal-Viżitatur Appostoliku Pietro Duzina, li ġie apposta biex jara u jistudja l-kwistjoni kollha u jagħti rapport lis-*Santa Sede*.

Dan id-delegat appostoliku wasal fi gżiritna fl-1 ta' Awwissu 1574, u fil-21 ta' Jannar tas-sena ta' wara, beda l-viżta tiegħu fil-Katidral ta' l-Imdina. Mons. Duzina kien Taljan mill-inħawi ta' Brescia u għalhekk kellu bżonn miegħu nies Maltin bħala interpreti u għal din il-ħidma ngħażlu Patri Damjan Taliana li kien Dumnikan, li ġie mogħti l-inkarigu li jippriedka lill-poplu meta Mons. Duzina jżur il-knejjes u Mons. Antonio Bartolo li kien il-Vigarju Ġenerali.

Bejn wieħed u ieħor Mons. Duzina dam għaxar ġimgħat jagħmel din il-viżta fil-knejjes tagħna li matulhom daħal fil-biċċa l-kbira tal-knejjes Maltin. L-istat ta' ħafna minnhom xejn ma kien tajjeb, niftakru li għaxar snin qabel kien sar l-Assedju mit-Torok. B'xorti tajba dak li ra, sema' u kkummenta ġie kollu miktub u saru tlett kopji. Waħda ttieħdet il-Vatikan, oħra nżammet mill-Isqof ta' Malta u l-oħra nżammet għand l-Inkwiżitur.

Minn dawn it-tliet kopji, l-unika waħda kompluta

tinsab il-Vatikan, dik ta' l-Isqof (b'xi partijiet żgħar minnha neqsin) għadha sa llum merfugħa fil-Kurja ta' l-Isqof u dik ta' l-Inkwiżitur intilfet. Din il-viżta pastorali ta' Mons. Duzina nistgħu nħarsu lejha bħala l-ewwel informazzjoni dokumentata tal-knejjes żgħar u kbar ta' Malta u Għawdex. Qisu għandna l-ewwel ritratti ta' dawn l-postijiet qaddisa kif kienu fis-seklu sittax.

Fis-sena 1575, parti kbira mill-Mosta kienet tagħmel man-Naxxar, u dan ir-raħal kien wieħed mill-irħula ewlenin li żar Mons. Duzina, kemm hu hekk fl-aħħar ġimgħa ta' Jannar żar il-Mosta. Ħaġa ta' l-iskantament, li minkejja li l-Mosta kienet għadha mhix parroċċa, Mons. Duzina jikteb li l-knisja l-kbira ta' Santa Marija bħala "*Parrochialis Ecclesia*" - Knisja ta' Parroċċa.

Barra din il-knisja fil-Mosta, żar ukoll il-knejjes bħal ta' San Anard, ta' Santa Katerina, ta' San Pawl, tal-Lunzjata, tnejn ta' San Ġakbu u tnejn oħra ta' Santa Marija. Imkien ma tissemma l-knisja ta' Sant'Andrija li llum aħna ninsabu miġbura madwarha. Għaliex?

Fi żmien Duzina, hawnhekk kien hawn raħal żgħir ħafna ffurmat minn ftit familji u li kien magħruf bħala Ħal Dmiegħ. Iżda dan kien jagħmel mal-parroċċa tal-Mellieħa. Kemm hu hekk, meta Mons. Duzina kkummenta dwar din il-knisja, hu sejħilha "*Ecclesia Sancti Andreae super dictum casale Mustae*", iżda l-kumment tiegħu kien daqshekk.

Maż-żmien wara li l-Mosta saret parroċċa għaliha, din il-knisja bdiet tagħmel magħha. Il-festa tal-qaddis kienet kull sena tiġi ċċelebrata bil-kant ta' l-ewwel u t-tieni għasar u b'quddiesa kantata u wara kien jitqassam il-lewż u l-ġellewż lil dawk li kienu jattendu l-festa.

Mal-mixja tas-snin, inbniet din il-knisja li tfakkarna fl-istili tal-knejjes tagħna, mibnija f'nofs is-seklu sbatax (1657), jiġifieri knisja b'faċċata lixxa bla ebda skultura, b'kampnar żgħir li qed jifforma parti mill-frontispizju tal-knisja, b'tieqa tonda fuq il-bieb maġġur imfassla biex



*Dehra minn ġewwa ta' l-artal bit-titular magħmul mill-pittur Filippo Dingli.*

iddawwal il-knisja u par imwieżeb fuq kull naħa għall-ilma tax-xita, u billi l-knisja kellha bħal għamla ta' misraħ żgħir quddiemha, in-nies laqqmu dan il-misraħ bħala Misraħ Għonoq. Kien misraħ bla ebda żina iżda kellu xi ħaġa oriġinali, li l-iżvilupp bla ebda ħsieb warrabha.

Il-viċendarju kien jiġi jqaddes hawn mill-Mellieħa u għalhekk kien jiġi bil-ħmara. Meta kien jasal hawn kien jorbot il-ħmara fil-misraħ ta' din il-knisja. Wara kien jgħabbi xi ħxejjex u frott li kienu jagħtuh in-nies ta' dawn l-inħawi bħala ħlas talli jkun ġie biex iqaddsilhom.

Wara s-snin ta' l-aħħar gwerra dinjija, din il-knisja għamlet żmien twil magħluqa, iżda qrib is-snin sebgħin, Mons. Antonio Buhagiar, qassis twajjeb li għadda ħajtu kappillan Ħal Lija u r-Rabat u li imbagħad spiċċa Monsinjur tal-Katidral ta' l-Imdina, ġie joqgħod il-Mosta, raħal twelidu fi Triq il-Kostituzzjoni.

Bil-permess ta' l-Arċipriet tal-Mosta beda kuljum iqaddes f'din il-kappella u fil-għaxija kien jiġbor in-nies ta' dawn l-inħawi għar-reċta tar-Rużarju Mqaddes. Għadda żmien sewwa jwettaq dan l-appostolat u maż-żmien bena wkoll sagristija żgħira. Nistgħu ngħidu li Mons. Buhagiar kien il-ħmira tax-xogħol kbir li llum qiegħed jitwettaq f'din iż-żona pastorali.

Rajna l-knisja minn barra u għidna li għandha l-aqwa dehra ta' kappella Maltija ta' l-imgħoddi. Dan japplika wkoll għall-knisja minn ġewwa li hija mibnija fuq numru ta' ħnejjiet. Għandha l-kwadru titulari magħmul minn Filippo Dingli, pittur Malti li għandu



*Il-kwadru ovali żgħir ta' l-Immakulata Konċezzjoni tal-Madonna li jinsab fuq l-artal.*

bosta kwadri fi knejjes żgħar li nsibu f'dawn l-inħawi tal-Mosta u Ħal Għargħur.

Wara l-mewt ta' Mons. Buhagiar (1976), il-knisja għamlet żmien mitluqa. Ħasra li minħabba l-iżvilupp mgħaġġel u n-nuqqas ta' l-ippjanar tax-xogħol fl-inħawi, il-knisja ta' Sant'Andrija ġarrbet xi ħsarat strutturali kbar.

Illum grazzi lil kulħadd, din il-ħsara ġiet imsewwija. L-isqaq ta' Misraħ Għonoq illum spiċċa, l-istess l-irziezet li kienu jiffurmaw Ħal Dmiegħ. Minflok insibu djar sbieħ u moderni. Iżda l-Kappella ta' Sant'Andrija għadha hawn, bħala l-aqwa xhieda tal-Mosta ta' żminijiet imgħoddija."

## Diskors ta' l-Arċipriet

Interessanti wkoll kien id-diskors li għamel l-Arċipriet Dun Joe Carabott fl-istess okkażjoni u li se jidher hawn taħt:

"Fil-Liturġija tal-Kelma nhar il-Ħadd li ġej se nisimgħu kliem il-Profeta Isaija:"*Il-fehmiet tiegħi ma humiex fehmietkom, u t-triqat tiegħi ma humiex triqatkom.* L-esperjenza tal-ħajja u l-mixja ta' l-istorja huma prova kemm dan il-kliem hu minnu.

Eżempju klassiku nsibuh fi ħsieb il-Mostin tas-seklu 19 li ddeċidew li jibnu knisja kbira għal diversi raġunijiet, imma żgur qatt ma basru li fil-pjan ta' Alla din kellha sservi fi żminijiet għall-parroċċa li dalwaqt tilħaq l-20 elf ruħ. Illum qed ngħidu: Imn'Alla li għandna knisja kbira daqshekk!

L-istess ngħidu għal diversi knejjes żgħar, sa ftit ilu mxerrdin jew fil-pjanuri u mogħdijiet tal-kampanja. Għadna kemm smajna diskors interessanti: ma jimpurtax nirrepeti. Dawn inbnew bħala xhieda ta' devozzjoni u imħabba lejn il-Verġni Marija u l-Qaddisin. Xi drabi t-titular jiġbor fih storja u anke studju soċjoloġiku. Minn dawn il-knejjes kien hemm dawk li nbnew b'riħa ta' kapriċċ, jew ta' kumdità, jew għax hekk kienet il-moda ta' *show* ... ħsibijiet il-bnedmin ma jaqblux ma' ħsibijiet il-Mulej ... dawn bdew iservu għal mijiet ta' familji li bnew djarhom 'l barra mill-qalba tal-belt jew raħal tagħhom, li bdew tielgħin bħal *mushrooms* fi rqajja b'ismijiet strambi u xi wħud minsija.

Fost dawn hemm il-knisja ta' Sant'Andrija li ma kinitx tintuża ħlief biex jitkanta l-Għasar lejliet it-30 ta' Novembru u ssir il-festa tal-qaddis b'quddiesa. Hawn ta' min jiftakar li fiha kien jitqiegħed xi moħriet jew għodda oħra ta' bżonn.

Fi ċkuniti lħaqt ħadt sehem f'diversi festi ta' knejjes żgħar bħala abbati ċkejken ma' ċorma qassisin u għad fadalli xi tifkiriet ħelwin ... bħan-naqra kafè tajba b'togħma ta' msiemer tal-qronfol li kienet tlesti xwejħa li kellha d-dar tmiss mal-knisja ta' Sant'Antnin bejn iż-Żejtun u Wied il-Għajn ... u l-mogħża li daħlet fil-knisja ta' San Niklaw, int u sejjer miż-Żejtun lejn Marsaxlokk, waqt il-Kant ta' l-Għasar u l-kumment spirtu pront ta'



*Il-bieb maġġur minn ġewwa, b'tieqa tonda fil-għoli biex iddawwal il-kappella.*

qassis li qal: "*Almenu ġie xi ħadd!*" ... u t-tifel, wieħed mill-abbatini żgħar, li waqa' f'bir providenzjalment vojt fuq għolja tal-Bidni fil-knisja ddedikata lill-Madonna tad-Dawl.

Kellu jkun Mons. Antonio Buhagiar li wara li rtira u telaq mill-Imdina biex jinġabar qrib il-familja tiegħu f'raħal twelidu, fis-sena 1967 beda jqaddes kuljum fil-knisja ta' Sant'Andrija, li bil-mod il-mod bdiet isservi ta' għajnuna pastorali lill-familji li bdew ġejjin joqgħodu hawn, mhux aktar f'Ħal Dmiegħ, imma fiż-żona ta' Tarġa Gap.

Aktar ma bdiet tiżviluppa din iż-żona, aktar żdiedet l-attività pastorali li wara l-1975 għaddiet f'idejn Dun Reggie Magri. Allura beda jsir it-tagħlim tad-duttrina, il-festa prinċipali, bdew jingħaqdu gruppi u ż-żona mtliet bil-ħajja u l-knisja ta' Sant'Andrija kienet il-qalb minfejn bdiet toħroġ attività sabiħa. Niftakar li wara li ġejt nominat Arċipriet tal-Mosta fl-1981, l-ewwel żjara kellha tkun l-quddiesa tal-Ħadd fil-knisja ta' Sant'Andrija u nżid ngħid li wara kelli kikkra kafè tajba għand il-familja Ġanni Gatt.

Riżultat ta' l-iżvilupp ma stajniex nibqgħu fiha biss. Kellha wkoll iġġarrab ħsara strutturali waqt li kienet qed issir trinka fonda biswitha u allura fittixna li nsalvawha biex ma taqax u llum, grazzi għall-ħidma tal-Kunsill

Lokali qed nieħu pjaċir nara din il-knisja antika, friska, f'saħħitha, lesta biex tilqa' fiha attivitajiet li jkomplu jżommuha bħala post sagru kif inhi u li tkompli tagħti l-ħajja u għajnuna lin-nies ta' Tarġa Gap."

## Kelmtejn mis-Sindku

Wara l-Arċipriet tkellem is-Sindku s-Sur Joe De Martino dwar ix-xogħol tar-restawr li sar f'din il-kappella, fosthom fuq it-tisħiħ tal-pedamenti, xogħol ta' pavimenti li sar minn ġewwa u minn barra u restawr kbir li sar minn ġewwa. Huwa semma lis-sur Tony Fenech tad-ditta Francesco Fenech li pprovda l-paviment b'xejn. Huwa qal li tneħħiet is-sagristija li kienet inbniet xi snin ilu u li ma kinitx mal-kappella oriġinali. Huwa rringrazzja lil dawk kollha li ħadmu f'dan il-proġett, fosthom lis-sur Tony Spiteri li segwa x-xogħol kollu b'interess kbir. Huwa rringrazzja wkoll lill-Ministru Josef Bonnici għall-għajnuna tiegħu sabiex tneħħew il-wajers kollha minn mal-kappella u saru numru ta' lampi ġodda. Huwa rringrazzja wkoll lill-Ministru Francis Zammit Dimech għall-kollaborazzjoni sħiħa u interess personali waqt ix-xogħol. Huwa rringrazzja lill-Arċipriet, lil sħabu l-Kunsilliera kollha għall-impenn tagħhom favur il-Mosta, is-Segretarju, l-istaff kollu u l-*handyman* tal-Kunsill u n-nies taż-żona li sab l-għajnuna tagħhom kull meta fittixhom.

Fl-aħħarnett sar diskors mill-Onor. Ministru ta' l-Ambjent Dr. Francis Zammit Dimech. Huwa faħħar ix-xogħol li sar u qal li dan huwa eżempju ċar tal-ġid li jsir fil-komunità b'kooperazzjoni bejn il-Gvern Ċentrali, il-Kunsill Lokali, u l-Knisja. Hawnhekk huwa nawgura l-kappella u din ġiet imbierka mill-Arċipriet. Kien preżenti wkoll l-Onor. Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura Dr. Josef Bonnici.

## Tagħrif ieħor

Fl-aħħarnett għandi xi tagħrif ieħor mgħoddi lili mis-sur Joseph Borg, storiku dwar il-Mosta.

"Din il-kappella hija magħrufa bħala ta' Ħal Dmiegħ u tinsab fl-inħawi ta' Misraħ Għonoq. Id-data 1657 minquxa fuq il-bieb hija s-sena meta nbniet mill-ġdid minflok oħra eqdem. Il-kwadru titulari ewlieni juri lil Sant'Andrija jżomm is-salib tal-martirju u l-ktieb tal-Vanġelu. Il-pittura saret minn Filippo Dingli. Taħtu jidher kwadru ovali żgħir ta' l-Immakulata Kunċizzjoni tal-Madonna. Il-prospettiva ta' l-artal hi maħduma b'sengħa kbira. Il-festa ta' Sant'Andrija hija fit-30 ta' Novembru u l-artal kien jiżżejjen b'sett appostli ta' l-injam."



***Il-kappella ta' Sant'Andrija kif tidher illum, restawrata mill-aħjar possibbli, biex reġgħet ħadet id-dehra sabiħa li kellha qabel. Iżda sfortunatament jonqos iż-zuntier sabiħ li kien hemm qabel u li ma setax jerġa' jinbena minħabba l-bini li telgħa daqshekk viċin tagħha.***

**Nota**:
Hajr lill-Arċipriet Dun Joe Carabott, Dun Pawl Buhagiar, Dun Anġ Camilleri, is-Sindku Joe De Martino, il-poeta Vanni Sant B.A. (Gen), is-sur Tony Terribile, is-sur Tony Spiteri u s-sur Joe Borg ta' l-għajnuna tagħhom.